MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-11 ta' Novembru, 2011

Talba Numru. 492/2011

**Herman Camilleri (K.I. 180736M)**
**Vs**
**Rita Formosa**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur talab li l-konvenuta tigi ordnata thallas l-ammont pretiz ta' disa' mija, erba' u sittin ewro u sitta sittin centezmu (€ 964.66)
raprezentanti danni subiti mill-attur, htija unika tal-konvenuta u jikkonsisti fi spejjez li huwa nkorra sabiex jissostitwixxi diversi oggetti mobbli li huwa sab neqsin jew imkissra meta l-konvenuta abbandunat il-fond 'Jasmine', Flat 4, Triq il-Battaljun, San Gwann, liema fond kontenenti fost ohrajn il-mobbli nieqsa jew mkissrin, l-attur kien kera lill-konvenuta permezz ta' skrittura datata 15 t'April, 2011.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-avviz sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie pprezentat kapitolu fit- 8 ta' Novembru, 2011 mill-Avukat Dr Anthony Cutajar u l-fatt li li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova il-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba ta' l-attur bl-ispejjez u bl-interessi kontra l-konvenuta mid-data tas-sentenza sal-pagament effettiv.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------